MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 132/2011

**L-Avukat Stephen Muscat ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Civili MamoTCV**

**vs**

**Bingo World Limited (C-47792) kif ukoll Felix Van Overschelde u Guy Van Overschelde kjamati in kawza fil 25 ta' Novembru 2011**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-19 ta' April 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' tmien t'elef, sitt mija u hames Ewro (€8,605) rapprezentanti prezz ta' servizzi legali u servizzi ancillari pprovduti lis-socjeta intimata mid-ditta rikorrenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta Bingo World Limited nhar it-2 ta’ Mejju 2011, u dana skond ir-riferta pozittiva tal-Marixxal Marco Bonnici datata 5 ta’ Mejju 2011 (fol 6).

Rat illi fl-24 ta’ Novembru 2011 gie ipprezentat rikors fejn intalbet il-kjamat in kawza ta’ Felix Van Overschelde u Guy Van Overschelde, liema talba giet milqugha fil-25 ta’ Novembru 2011.

Rat illi fl-1 ta’ Gunju 2012, l-intimat Guy Van Overschelde gie notifikat permezz tas-servizzi tal-‘Hussier de Justice’ gewwa Le Cannet, Franza, kif jidher a fol 37 tal-process.

Illi fis-seduta tat-22 ta’ Ottubru, 2012 id-ditta attrici pprezentat kapitolu fil-konfront ta’ Guy Van Overschlde filwaqt illi cediet il-kawza fil-konfromt ta’ Bingo world Limited u Felix Van Overschelde (fol 26 et seq).

Rat illi fis-seduta tas-26 ta’ Novembru, 2012 il-konvenut Guy Van Overschelde gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tad-ditta attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba ta’l-istess ditta attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut Guy Van Overschelde ihallas lid-ditta attrici s-somma ta’ tmien t’elef, sitt mija u hames Ewro (€8,605) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------